V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10281 — Astorg/Cobepa/Corsearch)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 201/10)

1. Fis-17 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Astorg Asset Management S.a.r.l. ("Astorg", il-Lussemburgu)

— Cobepa SA ("Cobepa", il-Belġju)

— Corsearch US Holdings, Inc. ("Corsearch", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Astorg u Cobepa jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Corsearch.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Astorg: ditta ta' ekwità privata li tfittex li tissieħeb f'timijiet ta' ġestjoni intraprenditorjali biex takkwista kumpaniji globali u biex toġloq vlaur billi tipprovdi gwida strateġika, governanza b'esperjenza u kapital adegwat,

— Cobepa: kumpanija ta' investiment b'azzjonisti privati ċċentrata fuq investiment ta' tkabbir tal-kapital u fuq akkwisti ta' xiri u li prinċipalment tfittex opportunitajiet ta' investiment fl-Ewropa u fl-Amerka ta' Fuq,

— Corsearch: data, analitika u servizzi li jappoġġaw marki tad-ditta biex jikkummerċjalizzaw l-assi tagħhom u jnaqqsu r-riskji kummerċjali kif ukoll appoġġ għall-approvazzjoni tal-marki tad-ditta u l-protezzjoni ta' marki tad-ditta.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10281 – Astorg/Cobepa/Corsearch

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË